Appendiċi 3

# Linji Gwida Aġġornati dwar l-Arranġamenti t'Aċċess għall-Eżamijiet 2025

It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Arranġamenti t'Aċċess fl-Eżamijiet Nazzjonali tal-Iskejjel Medji u Sekondarji

Commented [MB1]: Din il-parti mhux qiegħda fl-Ingliż.

**Definizzjoni ta' Arranġament t'Aċċess:**

Provedimenti biex l-istudenti eliġibbli jingħataw aċċess għall-assessjar u b'hekk ikunu jistgħu juru dak li tgħallmu mingħajr ma jkollhom vantaġġ mhux ġust fuq sħabhom.

**Eliġibbiltà:**

L-istudenti jistgħu jingħataw arranġamenti t'aċċess biss jekk dan ikun miktub fir-rapport tal-professjonisti li jingħata lill-iskola mill-ġenituri u/jew wara li l-istudenti jkunu ġew assessjati minn persuna magħżula mis-Servizz għad-Diffikultajiet Speċifiċi fit-Tagħlim (SpLD, Specific Learning Difficulties), mis-Servizz Psikoloġiku tal-Iskola u/jew minn xi entita' professjonali oħra. Meta jiġi ppreżentat aktar minn rapport wieħed dwar l-istess student, għandha tingħata kunsiderazzjoni akbar lir-rapport l-aktar reċenti dwar id-diffikulta'/l-isfida partikolari fit-tagħlim.

**L-Għoti ta' Arranġamenti t'Aċċess:**

Għandha tittieħed kull miżura mill-iskejjel biex jiġu pprovduti dawn l-arranġamenti t'aċċess. Madankollu, l-arranġamenti t'aċċess jistgħu jingħataw biss jekk l-iskola jkollha r-riżorsi meħtieġa.

**Firxa ta' Arranġamenti t'Aċċess:**

Dawn huma l-aktar arranġamenti t'aċċess komuni li joffru l-iskejjel waqt l-eżamijiet u l-assessjar. Id-definizzjoni għal kull arranġament t'aċċess hija mogħtija flimkien ma' aktar informazzjoni li tapplika għall-arranġament speċifiku.

| Arranġament t'Aċċess | Deskrizzjoni tas-Servizz | Skola Medja | Skola Sekondarja |
|---|---|---|---|
| Amanwensi | Dan jingħata lill-istudenti li ma jkunu jistgħu jiktbu xejn, minħabba li jkunu weġġgħu jdejhom, ikollhom punti f'idejhom, eċċ… L-amanwensi se jikteb bl-**aħdar** ir-risposti tal-istudent għall-mistoqsijiet. L-amanwensi jrid **jikteb eżatt dak li jgħid l-istudent**.<br><br>L-amanwensi jrid ipinġi jew iżid mal-mapep, tpinġijiet jew graphs eżatt skont dak li jgħid l-istudent.<br><br>Fil-kitba kreattiva, wara li l-istudent jiddetta l-passaġġ kollu, huwa se jispelli kull **għaxar kelma** u l-amanwensi se jikteb il-kelma bil-kulur blu. F'xi eżerċizzji tal-lingwa, ikun aħjar jekk l-istudent jispelli l-kelma l-ewwel u l-amanwensi jikteb mill-ewwel bil-blu.<br><br>L-amanwensi, fuq it-talba tal-istudent, irid jaqra lura dak li jkun inkiteb, jekk l-istudent ma jkunx jista' jaqra l-kitba tal-amanwensi. | ✓ | ✓ |
| Komunikatur | Dan is-servizz jingħata minn għalliema tal-istudenti neqsin mis-smigħ jew mill-Learning Support Educator (LSE), li jrid joqgħod attent ħafna li ma jagħtix xi informazzjoni żejda. Il-mistoqsijiet fil-karta tal-eżami jkunu mmodifikati mill-eżaminatur u jinkludu s-simplifikazzjoni tal-lingwa. Il-komunikatur jista' jaqra l-mistoqsijiet bil-lingwa tas-sinjali għall-istudenti li normalment jiġu mgħallma b'din il-lingwa, jekk ma jkunx hemm metodu ieħor ta' kommunikazzjoni.<br><br>Waqt l-**eżamijiet tal-fehim mis-smigħ** b'rekording awdjoviżiv, l-istudenti li jkollhom is-servizz tal-Komunikatur għall-eżami jista' jinqaralhom it-test tal-fehim mis-smigħ tliet darbiet u mhux darbtejn. Dawn l-istudenti jistgħu wkoll jibbenefikaw minn ħin miżjud b'25% f'dan l-eżami.<br><br>Huwa fid-diskrezzjoni tal-Komunikatur jekk l-istudent għandux jitħalla jsegwi r-rekording awdjoviżiv, għax xi drabi dan jista' jkun ta' xkiel għalih aktar milli jgħinu biex jifhem it-test. | ✓ | ✓ |
| Test imkabbar | Minħabba vista batuta, l-istudent jaf ikun jeħtieġ karta tal-eżami b'tipa mkabbra (f'format A3). Dawn il-karti b'tipa mkabbra għandhom isiru l-iskola. Jistgħu jintalbu kopji diġitali tal-karti tal-eżamijiet mit-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv biex tinżamm il-kwalità tajba tal-istampar.<br><br>Ma tista tiġi pprovduta l-ebda karta tal-eżami b'xi qies speċifiku tat-tipa għal studenti individwali. | ✓ | ✓ |

| Arranġament t'Aċċess | Deskrizzjoni tas-Servizz | Skola Medja | Skola Sekondarja |
|---|---|---|---|
| Ħin miżjud | Jekk mhuwiex speċifikat, il-ħin miżjud huwa ta' 25% tal-ħin tal-eżami. Jekk jitqies li jkun meħtieġ aktar ħin, irid jiġi ċċekkjat li l-istudent ma jgħejjix b'tali mod li tiġi affettwata l-prestazzjoni tiegħu. L-għoti tal-ħin miżjud ma għandu qatt iwassal għal xi tnaqqis fil-kunfidenzjalità tal-karta tal-eżami jew biex il-karti ma jinġabrux kif suppost fi tmiem l-eżami. | ✓ | ✓ |
| Tabelli ta' multiplikazzjoni | Xi studenti jkunu jeħtieġu t-tabelli ta' multiplikazzjoni waqt l-eżami tal-Matematika. Dawn għandhom jintużaw biss waqt ir-Written Paper. | ✓ | ✓ |
| Prompter | Dan ikun meħtieġ biex jiġbed l-attenzjoni tal-istudent lura fuq il-karta tal-eżami ħalli jkompli jaħdem. Il-prompter jaħdem kemm jista' jkun bla ma jtellef lill-istudent, billi jtaptaplu bil-mod fuq spallejh jew idejh jew fuq il-mejda u jipponta lejn il-karta tal-eżami. Jekk tinġibed l-attenzjoni tal-istudent b'mod verbali, dan għandu jsir b'mod sottili, u l-prompter għandu jagħti każ l-imġiba tal-istudent u mhux ix-xogħol li jkun qed jagħmel. | ✓ | ✓ |
| Qarrej*<br><br>(N.B. Din il-proviżjoni ma tapplikax għall-eżamijiet tal-lingwi barranin) | Il-Qarrej għandu jaqra l-karta **kollha** bir-reqqa lill-istudenti **mingħajr ma jagħti spjega, jagħmel traduzzjoni, jissimplifika jew jiċċara** l-kontenut. Il-qari jsir bil-mod b'tali mod li jirrispetta l-pass tal-istudent. Il-qari għandu jsir mingħajr spjega, traduzzjoni jew kjarifika.<br><br>Għall-**Fehim mill-Qari fil-Lingwi (l-Ingliż u l-Malti)**, it-test għandu jinqara lill-istudenti, dment li t-test ma jkunx jista' jinqara b'xi apparat li jgħin fil-qari.<br><br>*Din il-proviżjoni għandha tkun miktuba fir-rapport tar-riżultat.<br><br>Fl-**eżamijiet tal-lingwi, fil-karti tal-Fehim mis-Smigħ**, l-istudenti jistgħu jitolbu li jerġgħu jinqraw il-mistoqsijiet fil-ħin allokat biex l-istudenti jiċċekkjaw xogħolhom. | ✓<br><br>*✓<br><br>✓ | ✓<br><br>*✓<br><br>✓ |
| Qarrej meta mitlub | Il-Qarrej jaqra eżatt lill-istudent kwalunkwe parti tal-karta kif u meta mitlub mill-istudent. **Il-qari għandu jsir mingħajr spjega, traduzzjoni jew kjarifika.** | ✓ | ✓ |

| Arranġament t'Aċċess | Deskrizzjoni tas-Servizz | Skola Medja | Skola Sekondarja |
|---|---|---|---|
| Reader pen | Ir-Reader Pen hija għodda teknoloġika assistiva li tista' tintuża waqt l-eżamijiet. Billi sempliċement jgħaddu din il-pinna fuq il-mistoqsijiet stampati, l-istudenti jkunu jistgħu jisimgħu minnufih it-test jinqara b'leħen għoli.<br><br>L-użu ta' dan l-apparat ifisser li l-istudenti b'diffikultajiet fil-qari, bħad-dislessija, ikunu jistgħu jagħmlu l-eżamijiet b'mod indipendenti għax ikunu jistgħu jaċċessaw faċilment il-materjal miktub u b'hekk it-test ikun jista' jinftiehem aħjar.<br><br>Irreferi għall- **Politika tal-EAU dwar l-użu tar-Reader Pens fl-eżamijiet tal-iskejjel statali**, aċċessibli minn: **https://curriculum.gov.mt/wp-content/uploads/2024/05/reader_pens_policy-L.pdf** | ✓ | ✓ |
| Immersive reader | L-Immersive Reader huwa għodda diġitali inkorporata f'Microsoft Word. Din l-għodda tipprovdi lill-istudenti l-possibbiltà li jisimgħu test jinqara b'leħen għoli jew li jaġġustaw kif jidher it-test billi jimmodifikaw l-ispazjar, il-kulur u aktar.<br><br>L-iskejjel jistgħu jitolbu verżjoni Word tal-karta tal-eżami mill-EAU u jagħmlu l-aġġustamenti meħtieġa għat-test tal-eżami biex dan jinqara jew jidher fuq din l-għodda diġitali.<br><br>L-istudenti li jużaw l-Immersive Reader jistgħu jitqiegħdu f'kamra separata jew jużaw il-headphones biex ma jfixklux lill-istudenti l-oħra. | ✓ | ✓ |
| Perjodi ta' mistrieħ (b'superviżjoni) | L-istudenti se jieqfu jaħdmu kull tant ħin, u jieħdu brejk qasir qabel ma jkomplu. Il-tul ta' dan il-brejk mhux se jitnaqqas mill-ħin allokat għall-eżami. | ✓ | ✓ |
| Kamra separata/ mhix storbjuża | Xi studenti jkollhom bżonn joqogħdu ġo kamra separata. F'kull kamra kwieta jistgħu jitqiegħdu sa sitt studenti flimkien. L-arranġamenti t'aċċess ma' student wieħed ma għandhomx itellfu lil studenti oħra. | ✓ | ✓ |
| Skriba/ Kjarafika ta' kliem li ma jingħarafx | L-iskriba se jiċċara l-kliem li ma jingħarafx.<br><br>Meta l-istudent itemm biċċa xogħol, l-iskriba se jaqra l-kitba tal-istudent u jara hemmx kliem li ma jingħarafx. L-iskriba għandu jistaqsi lill-istudent xi jrid ifisser bil-kliem li ma jingħarafx. B'biro ħadra, l-iskriba għandu jikteb il-kliem sew fuq il-kliem li ma jingħarafx, bla ma jistaqsi lill-istudent biex jispelli l-kliem.<br><br>Dan se jiżgura li l-markatur tal-karta jkollu aċċess għall-ideat u l-kitba tal-istudent. | ✓ | ✓ |

| Arranġament t'Aċċess | Deskrizzjoni tas-Servizz | Skola Medja | Skola Sekondarja |
|---|---|---|---|
| L-użu ta' word processor | L-istudent irid ikun qed juża l-PC matul il-proċess tat-tagħlim fuq rakkomandazzjoni ta' professjonist għal mill-inqas sena skolastika.<br>Fuq talba, l-EAU se tipprovdi verżjoni Word/PDF tal-karti tal-eżami.<br>L-istudent għandu jiġi akkomodat f'kamra għalih għall-eżamijiet.<br>L-istudenti li jagħmlu l-eżamijiet **bil-verżjoni PDF** tal-karti għandhom jiktbu t-tweġibiet tagħhom fuq verżjoni stampata tal-karta tal-eżami jew jużaw dokument Word vojt biex jittajpjaw it-tweġibiet tagħhom. Il-karta tal-eżami trid tiġi pprintjata u ffirmata mill-istudent u mill-inviġilatur. | ✓ | ✓ |
| L-Użu ta' word processor *(ikompli)* | L-istudenti li se **jużaw il-format Word** tal-karta tal-eżami jridu:<br>- Jittajpjaw it-tweġibiet direttament fuq il-verżjoni diġitali u jissejvjaw xogħolhom ta' spiss.<br>- Ikollhom il-faċilità tal-ortografija awtomatika mitfija waqt l-eżerċizzji tal-lingwa.<br>- Ikollhom it-tweġibiet tal-eżami tagħhom ipprintajti meta jispiċċa l-eżami, u l-paġni pprintjati jiġu ffirmati mill-istudent u mill-inviġilatur. | ✓ | ✓ |

**Punti Ġenerali**:

- Għandha tittieħed kull miżura mill-iskejjel biex jiġu pprovduti dawn l-arranġamenti t'aċċess. Madankollu, l-arranġamenti t'aċċess jistgħu jingħataw biss jekk l-iskola għandha r-riżorsi meħtieġa.
- L-użu tat-teknoloġija bħall-IT, ir-reading pens, is-sinteżi minn test għal kliem, eċċ., għandhom jiġu inkoraġġuti biex tiżdied l-indipendenza tal-istudent. Il-ġenituri jistgħu jipprovdu t-teknoloġija li ma jkunx hemm fl-iskejjel jew fil-kulleġġi tagħna.
- Dawk li jipprovdu l-arranġamenti t'aċċess ma jridux jagħtu għajnuna fattwali jew jissuġġerixxu risposti lill-istudenti. Huwa strettament ipprojbit li tiġi spjegata, iċċarata jew tradotta għall-Malti jew l-Ingliż xi parti mill-karta tal-eżami lill-istudent.
- Dawk li jipprovdu l-arranġamenti t'aċċess ma jridux jgħidu lill-istudent liema mistoqsijiet għandu jagħżel biex jagħmel, meta għandu jmur għall-mistoqsija li jmiss, u lanqas is-sekwenza li fiha għandu jwieġeb il-mistoqsijiet.